MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Numru. 705/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Gafa)**

**v**

**Philip Vella ta' 47 sena, iben Carmel u Pina Nee Fenech, imwieled Haz-Zebbug, fit-13 ta' Gunju, 1957,**
**u li oqghod f'20, Leo House, Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 398057 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Philip Vella li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer f'Leo House, Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug, fix-xahar ta' Gunju, 2004 u fil-granet

u fix-xhur ta‘ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(1) Billi ghamel uzu ta‘ ismijiet foloz,jew ta‘ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta‘ intraprizi foloz, jew ta‘ hila, setgha fuq haddiehor,jew ta‘ krediti immaginarji, jew sabiex iqabqal tama jew bizgha dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi Lm 100 ghad-detriment tal-Gvern ta‘ Malta u diversi persuni ohra
(2) Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita‘ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz
(3) Bl-iskop li jakkwista xi hlas taht l-att dwar is-sigurta‘ socjalit, kemm ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jwe ghal xi skop iehor li ghandu x’jaqsam ma‘ l-att dwar is-servizzi socjali:
(i) Xjentement jew bi traskruagni ghamel dikjarazzjoni falza jew wera haga b’ohra:
(ii) Gab jew ta, jew ikkaguna jew gieghel jew xjentement halla illi jingab jew jinghata dokuemnt jew taghrif li kien jaf li kien falz f’haga materjali jew;
(iii) Bi frodi naqas li jirraporta lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma rceva l-hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew tista‘ jkollha konsegwenza materjali fuq ammont, jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament
(4) Taht l-Atti dwar is-Servizzi tal-Impieg u Tahrig:
(i) Ta xi taghrif li jkun jaf li huwa falz f’xi punt importanti, jew minghajr ma jimpurtah ta xi taghrif li jkun falz f’xi punt importanti jew
(ii) Bil-hsieb li jinganna ipproduca, ta, baghat ja xort’ohra ghamel uzu minn xi dokument li jkun falz f’xi punt importanti; jew
(iii) Ghax irid irrifjuta li jaghti jew minghajr raguni legittima (li l-prova taghha hija ghal kariga tieghu ) ma tax, xi taghrif importanti, uu dan bi ksur tal-artikolu 48 tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(5) U aktar talli fis-17 ta‘ Awissu, gewwa 20, Leo House, Triq il-Poeta Nazzjonali, Zebbug ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija cioe ta’l-Ispettur Kevin Borg, ma halliex

jew fixkel lill-istess Spettur Kevin Borg waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, u b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliehx jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jaghmel.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontempla fl-artikolu 553 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (fol 4).

Rat li l-akkuzat ma kellux oggezzjoni ghal proceduri sommarji kif ukoll li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Xehed Sp. Kevin Borg dwar l-investigazzjoni li ghamel hu f'dawn il-proceduri u cioe li wara li rceva kwerela minghand l-ETC li Philip Vella kien qed jircevi beneficcju socjali cioe employment assistance u medical assistance meta hu kien in 'a possible gainful employment' (esebita l-fax bhala Dok KB folio 17). Fqu hekk saret id-debita sorveljanza tal-pulizija li minnha rrizulta li Vella kien qed jaghmel xoghol ta' hairdressing. L-istess Spettur Borg xehed ukoll illi huwa ppartecipa f'sorveljanzi li saru fir-rigward ta' nies li kienu jidhlu u johorgu minghand l-imputat, tan li l-Ispettur xehed li hu anke ra nisa jidlu b'xagharhom mod u johrogu fi kliemu bih issettjat. Ghalhekk fuq tali investigazzjoni gew mitkellma diversi nies, aktar tard riprodotti f'xhieda kifukoll l-istess imputat li rrilaxxa stqarrija esbita bhala Dok Pv folio 40 – 41.

Fl-istess stqarrija Philip Vella ammetta li kien jirregistra u li kien jiehu ghalhekk il-beneficcji ta' Lm 29.31 fil-gimgha bhala 'unemployment assistance u s-somma ta' Lm 28.80 fix-xahar bhala medical assistance. Kif kien drittu ma wiegeb xejn dwar l-investigazzjoni li saret dwaru.

Ghalhekk ingab jixhed certu Edwin Mallia, senior executive ETC li kkonferma l-kwerela mibghuta Dok KB4

fol 46. Ikkonferma wkoll li Philip Vella kien fil-fatt jirregistra minhabba nuqqas ta‘ mpieg.

Xehed ukoll PC 1525 Patrick Farrugia dwar ir-ritratti minnu migbuda fil-fond ta‘ Vella esebiti dwar Dok KB3 li juri oggetti relatati max-xoghol ta‘ hairdressing mehuda fil-garaxx ta‘ Philip Vella.

Joe Farrugia sid il-kumpanija li timporta prodotti tax-xaghar Beauty Imports Ltd;, li certu Philip Vella li ma jafx personali kien jixtri minghand l-imsemmija prodotti. Ghalhekk ikkonferma l-invoices ta‘ l-ordnijiet esebiti bhala Dok JF a fol 68. Din kienet iggib id-data ta‘ 03/06/05 u ssejjah lil Philip Vella. F’dan ir-rigward ittella’ jixhed ukoll Sandro Mangion , delivery man mal-kumpanija Beauty Imports Ltd. li qal li l-akkuzat kien johodlu x-xoghol li kien jigbor mill-istores ta‘ Beuauty Imports Ltd. Min-naha taghha Rosanne Adami kienet is-salesperson li tbiegh il-prodotti tax-xaghar ma‘ Beauty Imports. Tghid din ix-xhud li ghalkemm lil Philip Vella ma kinitx tbieghlu hafna prodotti pero‘ kienet tbighelu f’isem is-socjeta‘ msemmija.

Evelyn Gate xehdet, ghalkemm b’certa reticenza li hija kienet klijenta ta‘ Philip Vella, in kwantu dna kien jaqtaghlha xagharha u ta‘ dan is-servizz kienet hi minm rajja taghtih xihaga (fol 80). Tghid li l-ewwel kienet tinqeda minn Vella minn go salon u sussegwentement dan is-servizz bdiet tircevih mid-dar tieghu.

Ingab ukoll Ivan Cilia li f’isem id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali esebixxa l-ammonti ta‘ beneficcji rcevuti minn Philip Vella fid-dati ndikati fid-dokument JC a fol 86 -87.

Ikkonsidrat

Rat l-akkuzi kif dedotti kontra Philip Vella. L-ewwel akkuza hija dik mahsuba taht l-artikolu 308 tal-Kapitlu 9. Issa huwa ben risaput u stabbilit fil-gurisprudenza taghna li bazi tal-qerq u l-ingann elementi kostituttivi ta‘ dan ir-reat hemm dak l-element teatrali tal-messa in xena li jinduci fil-qerq, dan l-element huwa mankanti mil-fatti prodotti. Daqs tant iehor manka l-element ta‘ intraprizi foloz, jew ta‘

hila u sethga fuq haddiehor, jew ta‘ xi krediti immaginarji, jew xi bizgha nflitt fuq xi Dipartiment, ghaldaqstant din il-Qorti tqis li dan ir-reat ma jirrizultax.

A kontrarju jirrizulta car illi Philip Vella iddikjara mal-ETC illi huwa kien bla impieg u ghalhekk beda jirregistra taht l-ewwel parti tar-registru skond ix-xhud Edwin Mallia, rapprezentant tal-ETC. Skond dan ir-rapprezentant tali registrazzjoni tfisser illi bniedem ikun bla xoghol xejn u jkun qed ifittex xoghol u jista‘ jibbenefika ghal xi beneficcji (fol 44). Dawn il-beneficcji johorgu mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali (vide Dok KB5 u KB6 fol 49 u 50). Mela jirrizulta illibiex Philip Vella ha l-beneficcji ga msemmija (Dok JC) bilfors huwa ried jaghmel dikjarazzjoni ta‘ nuqqas ta‘ impieg, meta f’dan il-perjodu huwa kien in gainful employment ghax kien minn go daru qed jahdem ta‘ hairdresser bi qliegh, ghalhekk il-Qorit ssib li huwa hati ai termini ta‘ l-artikolu 188 tal-Kapitlu 9. Konsegwenza ta‘ hekk issibu anke hati taht l-ewwel u t-tieni subinciz ta‘ l-artikolu 117 tal-Kapitlu 318 tal-Ligjiet ta‘ Malta, tilliberah mit-tielet subinciz. Konsegwentement issibu anke hat tar-reat mahsub taht l-artikolu 48(a) tal-Kapitlu 343 tal-Ligijiet ta‘ Malta, tilliberah ghax ma jirriizultawx. Illi r-reati li taghhom gie misjub hati Philip Vella that il-Kapitlu 318 u 343 tal-Ligijiet ta‘ Malta huwa fil-fehma ta‘ din il-Qorti reati gia komprizi u nvoluti fir-reat 188 tal-Kapitlu 9.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ta’ l-imputat u tikkundannah ghal piena karcerarja ta‘ sena sospiza ghal sentejn wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 u ghal multa ta’ Lm 500 ekwivalenti ghal elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin Euro (€1164.69).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------